12 ta' Diċembru, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**George Zammit** *versus* **Charles Vella**

**Bejgħ — Kuntratt — Oġġetti tal-Kuruna — Nullità — Bwona Fede — Art. 1007, 1025 u 1034 tal-Kodiċi Ċivili, u art. 303 u 304 tal-Kodiċi Kriminali.**

*L-oġġetti tal-Kuruna huma "extra commercium", u bħala tali ma jistgħux jiffurmaw oġġett ta' kuntratt.*

*Konsegwentement, kuntratt ta' bejgħ ta' oġġett li huwa tal-Kuruna, u li ma kienx hemm permess ta' l-awtorità kompetenti biex jiġi*

*dispost minnu, huwa null; u x-xerrej għandu dritt jitlob lura l-prezz li jkun ħallas għal dak l-oġġett, jekk l-awtorità teħodlu dak l-oġġett.*

***Il-kwistjoni tal-bwona fede tal-parti waħda jew l-oħra f'dan il-każ ma tidħolx; għax il-projbizzjoni tal-liġi dwar il-ħwejjeġ li huma "extra commercium" hija bażata fuq konsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku, u għalhekk konvenzjoni simili hi nulla apparti l-bwona fede.***

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur ippremetta li hu xtara in bwona fede minn għand il-konvenut żewġ "Tipper Pumps" bil-prezz ta' £82. 10. 0, li ġie debitament imħallas lill-konvenut fil-15 ta' Mejju 1950 skond l-alligata riċevuta (dok. A); illi l-merċa msemmija ġiet in segwitu elevata mill-Pulizija mill-poter tiegħu, billi kienet proprjetà tal-Kuruna jew ta' terzi persuni oħrajn, u/jew kienu jinsabu illegalment fil-poter tal-venditur; u li in konsegwenza ta' l-aġir illegali tal-konvenut hu sofra danni ammontanti għall-ammont tal-prezz imsemmi, li għandu lilu mill-konvenut jiġi rifuż; u talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, il-konvenut minn dina l-Qorti jiġi kundannat iħallsu u jirrifondilu, in linea ta' danni jew ta' kwalunkwe titolu ieħor validu fil-liġi, is-somma ta' £82. 10. 0, prezz ta' żewġ "Tipper Pumps" mill-konvenut mibjugħa lilu, u li l-prezz tagħhom ġie mħallas fil-15 ta' Mejju 1950 (dok. A), liema merċi ġiet in segwitu elevata mill-Pulizija mill-poter tiegħu, billi kienu illegalment fil-passess tal-venditur u kienu proprjetà tal-Kuruna jew ta' terzi persuni. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kontra l-konvenut imħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

*Omissis;*

Deher minn dawn il-provi li dawn iż-żewġ "Tipper Pumps" li l-attur xtara minn għand il-konvenut, kienu oġġetti tal-Kuruna li għalihom ma kienx hemm permess bil-miktub mill-awtorità kompetenti li jiġi dispost minnhom;

Hu ċar li meta jkun oġġett tal-Kuruna, u ma jkunx hemm dan il-permess, allura l-oġġett ikun "extra commercium" (arg. art. 303-304 Kodiċi Kriminali, Kap. 12 Ediz. Riv.). Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali, sedi ta' l-Appell, "La Polizia vs. Michele Mizzi", fit-30 ta' Ġunju 1909, ingħad li

dawn id-dispożizzjonijiet kienu magħmula "a scopo che le cose della Corona rimangano non commerciabili";

Fost ir-rekwiżiti ta' kuntratt hemm l-oġġett (art. 1007 Kap. 23 Ediz. Riv.). Skond l-art. 1025 idem, l-oġġetti biss li huma fil-kummerċ jistgħu jkunu oġġett ta' ftehim. Dawk "extra commercium" ma jistgħux jiffurmaw oġġett ta' konvenzjoni;

Issa, kif igħid ir-Ricci (Vol. VI, paġ. 41, Corso Teor. Prat. Dto. Civ.), "il contratto che manchi di un oggetto capace di formare materia di convenzione è un contratto, non nullo, ma inesistente, perchè gli fa difetto uno dei requisiti essenziali alla sua esistenza; se l'oggetto adunque, a cui riguardo si è contratto, è fuori di commercio, il contratto si ritiene inesistente". Skond l-art. 1007 Kap. 23, l-oġġett huwa rekwiżit essenzjali, u għalhekk, jekk jonqos, għax ikun "extra commercium", allura l-kuntratt hu ineżistenti;

Il-kwistjoni tal-bwona fede tal-parti jew l-oħra — li setgħet tidħol kieku si trattava tal-"kawża" (mhux l-oġġett) tal-kuntratt (art. 1034) — f'dan il-każ ma tidħolx; għax il-kuntratt kien "ab initio" ineżistenti bħala nieqes mill-oġġett tiegħu. Il-projbizzjoni tal-liġi dwar il-ħwejjeġ li huma "extra commercium" hi bażata fuq konsiderazzjonijiet ta' ordni publiku; u għalhekk konvenzjoni simili hi nulla apparti l-bwona fede;

L-attur, għalhekk, peress li l-kuntratt hu null, għandu dritt li tiġi lilu restitwita s-somma li ħallas bħala prezz (art. 1255 kombinat ma' l-art. 1252 (1) u (2) Kap. 23);

Il-prezz minnu mħallas hu dak ta' £82. 10. 0 indikat fid-dokument fol. 5;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' t-talba, u tikkundanna lill-konvenut jirrifondi u jħallas lill-attur is-somma ta' £82. 10. 0, bl-imgħax kummerċjali mil-lum u bl-ispejjeż. Salvi d-drittijiet tal-konvenut, "si et quatenus", kontra ħadd ieħor.